MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2005

Numru 452/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Haber)**

**vs.**

**Mambimbou Rahim**

**Illum 13 ta' Gunju, 2005**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Mambimbou Rahim ta' nazzjonalita Congoliza, imwieled Kinsasha, Congo fit-28/04/1974 iben Mambou u Mukanda, joqghod f'Safi Reception Centre, Safi u identifikat bin-numru 04QQ-012 gie akkuzat:

Talli fid-9 ta' Mejju 2005 u fil-jiem ta' qabel f'dawn il-gzejjer meta kellu f'idejh passaport mahrug minn awtorita` kompetenti, ittrasferixxa dan il-passaport lil persuna ohra jew ircieva passaport li gie trasferit lilu minn persuna ohra, bi ksur tal-Artikolu 6 tal-Kap 61 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel uzu jew ittanta jaghmel uzu minn passaport mahrug lil persuna ohra bi ksur ta' l-Artikolu 4 tal-Kap 61 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi bhala persuna illi nizel jew telaq minn Malta ghamel jew gieghel illi jinghata xi prospett falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta' fatti foloz lill-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni bi ksur ta' l-Artikolu 32(1) (C) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fid-16 ta' April 2005 ghall-habta tal-9 ta' filghaxija, harab minn post ta' kustodja pubbliku ai t-termini ta' l-Artikoli 151 u 152 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok MH 3 u nnutat li l-imputat tramite l-interpretu iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta ta' llum l-imputat tramite l-interpretu ammetta l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti tramite l-interpretu wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u tramite l-interpretu taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le tramite l-interpretu, l-imputat tramite l-interpretu rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Mario Haber iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 4 u 6 tal-Kap. 61, l-artikolu 32 (1) (C) tal-Kap. 217 u l-artikoli 151 u 152 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Mambimbou Rahim, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, il-fedina penali netta tal-imputat u l-fatt li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Mario Haber iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Mambimbou Rahim ghall-piena komplessiva ta' sentejn (2) prigunerija u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' erba' (4) snin mil-lum l-imputat Mambimbou Rahim jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Mambimbou Rahim l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------